MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru 10/2008

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

***... omissis ...***
**Domingo Ricardo Duran Navas**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-30 ta’ Gunju 2008 kontra *omissis* u Domingo Ricardo Duran Navas u li permezz tieghu l-istess Avukat

Generali akkuza lill-istess *omissis* u Domingo Ricardo Duran Navas talli assocjaw ruhhom ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibighu jew jittraffikaw medicina f’dawn il-Gzejjer (kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta’ Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih unanimament sabu lill-imsemmi Domingo Ricardo Duran Navas mhux hati skond l-uniku Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, u ghalhekk ordnat il-liberazzjoni immedjata tieghu;

**3.** Rat ir-referenza ta’ l-Avukat Generali fit-termini ta’ l-artikolu 500B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li permezz taghha talab li din il-Qorti tiddikjara li l-indirizz ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward tal-liberat Domingo Ricardo Duran Navas ma kienx jikkonforma mar-rekwiziti legali u fattwali;

**4.** Rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-ewwel ilment ta’ l-Avukat Generali hu li stante li hawn si trattava ta’ delitt wiehed maghmul minn zewg ko-akkuzati li kienu komplici f’dak id-delitt, l-ewwel Qorti zvijat u fixklet lill-gurati fil-gudizzju taghhom meta qaltilhom li si trattava ta’ zewg gurijiet separati u mhux bhala ko-akkuzati jew komplici u li l-unika raguni li tressqu flimkien kien ghall-ekonomija taz-zmien u tal-finanzi u sabiex ma jergghux jittellghu jixhdu x-xhieda. Skond l-Avukat Generali, dan biddel in-natura tal-kaz u ta’ dak li kellhom jiddeliberaw il-gurati, specjalment rigward Domingo Ricardo Duran Navas. L-Avukat Generali jghid li dan immanifesta ruhu fil-fatt li wara tmiem l-indirizz l-istess gurati kienu konfuzi u ma kinux certi kif kellhom jifhmu d-delitt u l-fatti tal-kaz. Ukoll fl-indirizz l-ewwel Qorti naqset milli tispjega x’inhuma ko-akkuzati u komplici minkejja li l-gurati stess infurmaw lill-Qorti li kienu ghadhom ma fehmux fuq x’hiex kellhom jiddeciedu bhala assocjazzjoni tal-ko-akkuzati u t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex jigi

spjegat lill-gurati li dan il-guri kien jikkonsisti f’zewg ko-akkuzati li kienu komplici flimkien fir-reat ta’ assocjazzjoni ma’ persuni barra minn Malta.

**6.** M’hemm l-ebda dubju illi ghalkemm f’dan il-kaz kien hemm zewg ko-akkuzati, bhalma jsir fil-gurijiet kollha, il-gurati kellhom jiddeliberaw dwar dawk il-provi li jirrigwardaw il-wiehed u dawk il-provi li jirrigwardaw lill-iehor separatament. Issa, irid jinghad l-ewwelnett illi ghalkemm l-att ta’ akkuza fil-parti narrativa titkellem dwar illi z-zewg ko-akkuzati assocjaw ruhhom ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta, fil-parti akkuzatorja gew akkuzati li assocjaw ruhhom ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer biss. Jigifieri huwa l-istess att ta’ akkuza illi jidher illi fixkel lill-gurati. Fl-ahhar ta’ l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri, wiehed mill-gurati ried jiccara dan il-punt meta saqsa: “Ahna niggudikaw l-akkuzati rigward l-assocjazzjoni taghhom ma’ nies barra minn Malta”. L-Imhallef li ppresjeda l-guri kkonferma dan. Izda mbaghad il-gurat saqsa: “Mhux bejniethom it-tnejn.” L-Imhallef li ppresjeda l-guri l-ewwel irrisponda li “le, mhux bejniethom it-tnejn”. Izda mbaghad ikkorrega ruhu u ta direttiva lill-gurati biex jikkunsidraw l-akkuza fis-sens illi l-ko-akkuzati assocjaw ruhhom jew separatament jew flimkien ma’ persuni barra minn dawn il-Gzejjer.  Mill-ahhar kummenti tal-gurat jidher li l-pozizzjoni kienet giet iccarata sodisfacentement. Huwa minnu illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri seta’ spjega lill-gurati l-figura tal-komplici, izda din il-Qorti ma tarax kif dan seta’ b’xi mod jinfluwixxi fuq il-verdett. Kwindi l-ewwel ilment huwa respint.

**7.** F’ilment iehor l-Avukat Generali jitkellem dwar in-nuqqas ta’ newtralita` ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri. Dak li probabilment kellu f’mohhu hawn l-Avukat Generali huwa l-kuncett ta’ *bias*. Issa, l-Avukat Generali fl-ewwel lok joggezzjona ghall-fatt li fi tmiem il-konto-replika li ghamel id-difensur ta’ Domingo Ricardo Duran Navas, l-Imhallef li ppresjeda l-guri fahhar lid-difensur bil-kliem “Prosit, prosit”. Filwaqt illi din il-Qorti ma tarax li hemm lok li jinghadu espressjonijiet bhal dawn, frankament ma tistax tifhem kif il-mod tant fuggesk kif dan seta’ ntqal seta’ b’xi

mod kellu xi influwenza fuq il-verdett, aktar u aktar meta fl-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri fahhar kemm lid-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni ghall-espozizzjoni li ghamlu tal-principji tal-process gudizzjarju.

**8.** L-Avukat Generali joggezzjona wkoll ghall-fatt illi fi tmiem l-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal li l-interess tal-prosekuzzjoni hu li tassigura *"conviction"* mentri d-difiza kull ma taghmel huwa li tfittex l-interessi tal-klijent taghha, u sewwa taghmel. L-Avukat Generali jsostni illi dan il-kumment johloq sens ta' pregudizzju lejn il-partijiet, aktar u aktar meta l-prosekuzzjoni tul il-kaz insistiet mal-gurija li l-ghan taghha mhux li tinstab htija *at all costs* izda li tohrog il-verita` biss.

**9.** Dak li effettivament qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri meta kien qieghed ifakkar lill-gurati fil-gurament taghhom u wasal ghall-parti li tghid "li ma tqarrqux la l-interessi ta' l-akkuzat u lanqas dawk tar-Repubblika ta' Malta li f'isimha dak hu akkuzat" kien dan:

**"'li ma tqarrqux la l-interessi ta' l-akkuzat u lanqas dawk tar-Repubblika ta' Malta li f'isimha dawn huma akkuzati". 'Li ma tqarrqux' – illi ma tkunux pregudikati – illi intom tosservaw u zzommu dawk id-drittijiet illi l-akkuzati huma intitolati ghalihom; 'u lanqas dawk tar-Repubblika' – tal-prosekuzzjoni – illi f'isimha qeghdin jigu akkuzati. Ukoll ghandha interessi, u l-interess, l-interess tar-Repubblika huwa illi ssir il-gustizzja. Daqskemm il-prosekuzzjoni ghandha obbligu illi hi ggib il-provi u tinsisti li twassal ghall-htija tal-akkuzati, daqshekk ghandhom l-obbligu d-difiza illi huma jurukom illi dawn il-provi mhumiex daqshekk sodi. Illi jassiguraw illi d-drittijiet tal-akkuzat ikunu osservati."**

**10.** Forsi dan mhux l-ahjar *turn of phrase* ta' kif setghet giet spjegata l-frazi in kwistjoni, izda, bhalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217[1]: "**This Court does not sit to consider whether this**

[1] **Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003**, para. 7-53 p. 936.

**or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice.”** Din il-Qorti ma tara li sehh l-ebda *miscarriage of justice* b’dak li qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri fil-bran citat. Ghalhekk anke dan l-ilment huwa respint.

**11.** Permezz ta’ l-ahhar ilment l-Avukat Generali josserva illi matul il-guri l-avukat difensur ta’ Domingo Ricardo Duran Navas ghamel mistoqsijiet lix-xhud David Borg Hedley b’tali mod li kienu se jitfghu lil-liberat Domingo Ricardo Duran Navas f’dawl li jpingieh bhala persuna li qatt ma kellu x’jaqsam xejn mad-delitt ta’ riciklagg tal-flus. Il-prosekuzzjoni gibdet l-attenzjoni ta’ l-avukat difensur u ta’ l-ewwel Qorti li l-akkuzat kien qieghed jiffaccja akkuzi ta’ riciklagg ta’ flus u li jekk jaghzel li jibqa’ b’dik il-linja ta’ difiza, il-prosekuzzjoni jkollha d-dritt li tressaq il-provi taghha rigward dan l-istat ta’ fatt. Fl-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri nforma lill-gurati li l-liberat ma kellu ebda reati ta’ dan it-tip u tat x’tifhem li qatt ma tressaq dwar reati li jikkoncernaw ir-riciklagg ta’ flus. Din id-dikjarazzjoni zvijat lill-gurati u tat impressjoni dwar il-karattru u l-imgieba tieghu kontra dak li huwa minnu.

**12.** Fir-rigward tat-transazzjonijiet finanzjarji, dak li qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien:

**“... Navas mhuwiex akkuzat b’xi reati ta’ *money-laundering*, jew xi reati ohra in konnessjoni ma’ dawn it-transazzjoniiet finanzjarji. Mhuwiex akkuzat bihom dawk. Kwindi f’dak il-lat ma tistghux tikkunsidrawha. All right? Tistghu forsi tikkunsidrawha bhala *a circumstantial evidence* jekk twassal ghall-unika konkluzjoni illi dawn il-flus huma rizultat ta’ xi attivita` illegali. Hekk biss. Jekk taslu ghall-unika konkluzjoni illi dawn il-flus huma ta’ natura illegali. Pero` m’hemm xejn fuq dan.”**

**13.** Minn ezami tax-xiehda ta’ David Borg Hedley jirrizulta li waqt il-kontro-ezami mid-difensur ta’ Domingo Ricardo Duran Navas il-prosekutur talbet li taghmel punt ta’ dritt “ghall-beneficcju tad-difiza”, liema punt ma jidhirx li sar ghax id-difensur baqa’ ghaddej bil-kontro-ezami. Ghalhekk mhuwiex car meta ngibdet l-attenzjoni tal-Qorti u ta’ l-avukat difensur ghal dak li qieghed jghid l-Avukat Generali. Fi kwalunkwe kaz, apparti li f’dawn il-proceduri l-imsemmi Domingo Ricardo Duran Navas ma kienx akkuzat b’riciklagg, jekk kien ghad hemm proceduri pendenti kontra tieghu jfisser illi kien ghadu prezunt innocenti u l-ebda inferenza ma setghet issir mill-fatt li kien tressaq il-Qorti b’tali akkuzi. Kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura f’dak li qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri.

**14.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrespingi r-referenza ta’ l-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------